MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1347/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**STEPHEN BONNICI**
**(ID Nru. 285872M)**

Illum, 12 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Bonnici, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 285872M.

**Akkuzat talli:**

Nhar il-hdax (11) t'Awwissu, 2013, bejn in-nofs siegha (00:30hrs) u s-siegha ta` filghodu (01:00hrs) gewwa Ta` Qali limiti ta` H'Attard, hebb ghal David Bonnici u kkagunalu offizi gravi kif iccertifikat minn Dr. Owen Mifsud, Med. No. 2953, mill-klinika tal-Furjana.

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebb ghal persuna ta` Paul Sammut u kkagunalu griehi ta` natura hafifa skont ma` ccertifikat minn Dr. Doriella Galea, Med. No. 5432 tal-Poliklinika tal-Furjana.

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta` Peter Sammut u kkagunali griehi ta` natura gravi skont ma` ccertifikat minn Dr. Doriella Galea, Med. No. 5432 tal-Poliklinika tal-Furjana.

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovokat, ingurja lil David Bonnici, Peter Sammut u Paul Sammut b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lill-haddiehor u cioe` lil David Bonnici, Peter Sammut u Paul Sammut, biza li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` tieghu.

Akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi insulenta, ingurja jew hedded lil Paul Sammut bi kliem.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju jew glied.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 216, 218, 221 (1), 339 (1), 251 B, 339 (1) (e) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Dan huwa kaz ta` provokazzjoni estrema min-naha ta` Paul Sammut mill-bidu tat-tieg. Dan provoka lill-istess imputat u membri ohra tal-familja tieghu b'ta` li mod illi anke meta nqalghet il-glied *per se*, kien dan l-istess individwu li ta` l-ewwel daqqa. L-imputat b'kolt sorpriz, meta kellu f'idejh tarbija ta` tifla ta` tlett (3) snin u nofs, jidher illi rreagixxa.

Ghal dawn il-motivi u fil-parentesi tal-principju legali accetat mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tillibera lill-imputat mill-akkuzi lilu gew addebitati.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------